**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 6 ta' April, 2017**

**Pulizija**

**Spettur Doriette Cuschieri**

**Vs**

**Robert Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Robert Borg, ta' 26 sena, bin Michael u Josephine nee' Gerada, imwieled il-Pieta', fit-3 ta' Settembru 1989, residenti Marshall Court, Block D, Flat 57, Triq ir-Rebha, Gzira, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 405389M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2012 u fix-xhur ta' qabel:

1) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef Ewro taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jwe li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport;

2) Talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' conditional discharge moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, nhar il-5 ta' Mejju 2010.

3) Kif ukoll talli rrenda ruhu recediv bl-istess sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, fil-5 ta' Mejju 2010.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet u rat il-provi kollha migjuba;

Rat l-atti kollha tal-process;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-imputat, fiz-zmien in kwistjoni, kien impjegat bhala xufier tal-linja mal-Arriva. Bhal ma kienet taghmel ma' kull impjegat taghha, is-socjeta' kienet minn zmien ghal zmien tqabbel il-flus li jiddahhlu mix-xufiera man-numru ta' biljetti li jinhargu. F'diversi kazijiet li kellha f'din il-Qorti, l-Arriva kienet turi li x-xufiera kienu sabu metodu kif izommu ghalihom parti mill-flus tal-biljetti tal-vjaggi b'tal-linja. Dan il-kaz huwa bhal dak l-ohrajn. Mill-provi prodotti, jidher li l-imputat naqas milli jaghti lill-kumpanija l-ammont ta' sitt elef, tmien mija w wiehed u ghoxrin Ewro, tmienja w hamsin centezmu (€6,821.58). Dan jirrisulta kemm mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-diversi skritturi iffirmati mill-imputat stess li qed jiddikjara li qed jaqbel li huwa debitur tal-kumpanija f'dak l-ammont, f'tentattiv civili li tissolva l-kwistjoni.

Dan huwa l-kaz klassiku tal-misapproprjazzjoni. L-imputat kellu jrodd il-flus kollha li kien dahhal bhala prezz tal-vjaggi li jkun ghamel, izda dan naqas milli jaghmlu. Bhala piena, il-Qorti hi tal-fehma li huwa hafna ahjar li jsir risarciment ta' dan l-ammont lil Malta Public Transport, li hadet l-operat tal-Arriva, milli li tigi inflitta piena ta' habs effettiv. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta' sentenza sospiza b'ordni ta' hlas.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a), 532A, 532B, 533, 49, 50 tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti, qieghda ssib lill-imsemmi Robert Borg hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qieghda tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-hlas ta' sitt elef, tminn mija u wiehed u ghoxrin Ewro u 58 centezmu lil Malta Publi Transport fi zmien sitt xhur mil-lum a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**